Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni
Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2025/0550(COD)

22.6.2026

EMENDI
411 - 603

Abbozz ta' rapport
Emma Rafowicz, Alice Kuhnke
(PE787.746v01-00)

L-istabbiliment tal-programm "AgoraEU" għall-perjodu 2028–2034, u t-tħassir tar-Regolamenti (UE) 2021/692 u (UE) 2021/818

Proposta għal regolament
(COM(2025)0550 – 2025/0550(COD))

Emenda 411
Pernando Barrena Arza, Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Il-kmamar tal-aħbarijiet u l-ġurnalisti fl-Unjoni qed ikollhom pressjoni akbar, b'mod partikolari minħabba ż-żieda fil-pjattaformi online dinjin, it-tibdil fid-drawwiet tal-konsum, u t-tixrid dejjem akbar tad-diżinformazzjoni. Dawn l-isfidi jaffettwaw id-dħul u d-distribuzzjoni tal-aħbarijiet, jimminaw il-vijabbiltà u l-fiduċja tal-pubbliku fil-kmamar tal-aħbarijiet, u jillimitaw l-aċċess taċ-ċittadini għal kontenut ġurnalistiku Ewropew varjat u maħluq professjonalment. L-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa ekosistema tal-informazzjoni vijabbli, indipendenti u diversa, tipproteġi lill-ġurnalisti mhedda, tippromwovi l-libertà u l-pluraliżmu ***tal-midja***, u ssaħħaħ l-integrità tal-ispazju tal-informazzjoni, billi tippromwovi miżuri u ssaħħaħ il-kooperazzjoni maħsuba kontra d-diżinformazzjoni u tappoġġa l-litteriżmu diġitali u ***fil-midja***, inkluż fost iż-żgħażagħ.	(13) Il-kmamar tal-aħbarijiet u l-ġurnalisti fl-Unjoni, ***inkluż fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali,*** qed ikollhom pressjoni akbar, b'mod partikolari minħabba ż-żieda fil-pjattaformi online dinjin, it-tibdil fid-drawwiet tal-konsum, u t-tixrid dejjem akbar tad-diżinformazzjoni. Dawn l-isfidi jaffettwaw id-dħul u d-distribuzzjoni tal-aħbarijiet, jimminaw il-vijabbiltà u l-fiduċja tal-pubbliku fil-kmamar tal-aħbarijiet, u jillimitaw l-aċċess taċ-ċittadini għal kontenut ġurnalistiku Ewropew varjat u maħluq professjonalment. L-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa ekosistema tal-informazzjoni vijabbli, indipendenti u diversa, tipproteġi lill-ġurnalisti mhedda, tippromwovi l-libertà u l-pluraliżmu ***tal-media***, u ssaħħaħ l-integrità tal-ispazju tal-informazzjoni, billi tippromwovi miżuri u ssaħħaħ il-kooperazzjoni maħsuba kontra d-diżinformazzjoni u tappoġġa l-litteriżmu diġitali u ***fil-media***, inkluż fost iż-żgħażagħ.

Or. en

Emenda 412
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Il-kmamar tal-aħbarijiet u l-ġurnalisti fl-Unjoni qed ikollhom pressjoni akbar, b'mod partikolari minħabba ż-żieda	(13) Il-kmamar tal-aħbarijiet u l-ġurnalisti fl-Unjoni qed ikollhom pressjoni akbar, b'mod partikolari minħabba ż-żieda

fil-pjattaformi online dinjin, it-tibdil fid-drawwiet tal-konsum, u ***t-tixrid dejjem akbar tad-diżinformazzjoni***. Dawn l-isfidi jaffettwaw id-dħul u d-distribuzzjoni tal-aħbarijiet, jimminaw il-vijabbiltà ***u l-fiduċja tal-pubbliku fil-kmamar*** tal-aħbarijiet, u jillimitaw l-aċċess taċ-ċittadini għal kontenut ġurnalistiku Ewropew varjat u maħluq professjonalment. L-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa ekosistema tal-informazzjoni vijabbli, indipendenti u diversa, tipproteġi lill-ġurnalisti mhedda, tippromwovi l-libertà u l-pluraliżmu ***tal-midja***, u ssaħħaħ l-integrità tal-ispazju tal-informazzjoni, billi tippromwovi miżuri u ssaħħaħ il-kooperazzjoni maħsuba kontra ***d-diżinformazzjoni u tappoġġa l-litteriżmu diġitali u fil-midja, inkluż fost iż-żgħażagħ***.

fil-pjattaformi online dinjin, it-tibdil fid-drawwiet tal-konsum, u ***l-influwenza ta' pajjiżi terzi ostili***. Dawn l-isfidi jaffettwaw id-dħul u d-distribuzzjoni tal-aħbarijiet, jimminaw il-vijabbiltà ***tal-kmamar*** tal-aħbarijiet, u jillimitaw l-aċċess taċ-ċittadini għal kontenut ġurnalistiku Ewropew varjat u maħluq professjonalment. L-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa ekosistema tal-informazzjoni vijabbli, indipendenti u diversa, tipproteġi lill-ġurnalisti mhedda, tippromwovi l-libertà u l-pluraliżmu ***tal-media***, u ssaħħaħ l-integrità tal-ispazju tal-informazzjoni, billi tippromwovi miżuri u ssaħħaħ il-kooperazzjoni maħsuba kontra ***l-influwenza ta' pajjiżi terzi ostili wkoll***.

Or. fi

Emenda 413
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Il-kmamar tal-aħbarijiet u l-ġurnalisti fl-Unjoni qed ikollhom pressjoni akbar, b'mod partikolari minħabba ż-żieda fil-pjattaformi online dinjin, it-tibdil fid-drawwiet tal-konsum, u t-tixrid dejjem akbar tad-diżinformazzjoni. Dawn l-isfidi jaffettwaw id-dħul u d-distribuzzjoni tal-aħbarijiet, jimminaw il-vijabbiltà u l-fiduċja tal-pubbliku fil-kmamar tal-aħbarijiet, u jillimitaw l-aċċess taċ-ċittadini għal kontenut ġurnalistiku ***Ewropew*** varjat u maħluq professjonalment. L-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa ekosistema tal-informazzjoni vijabbli, indipendenti u diversa, tipproteġi lill-ġurnalisti mhedda, tippromwovi l-libertà u l-pluraliżmu ***tal-midja***, u ssaħħaħ l-integrità tal-ispazju tal-	(13) Il-kmamar tal-aħbarijiet u l-ġurnalisti fl-Unjoni qed ikollhom pressjoni akbar, b'mod partikolari minħabba ż-żieda fil-pjattaformi online dinjin, it-tibdil fid-drawwiet tal-konsum, u t-tixrid dejjem akbar tad-diżinformazzjoni. Dawn l-isfidi jaffettwaw id-dħul u d-distribuzzjoni tal-aħbarijiet, jimminaw il-vijabbiltà u l-fiduċja tal-pubbliku fil-kmamar tal-aħbarijiet, u jillimitaw l-aċċess taċ-ċittadini għal kontenut ġurnalistiku varjat u maħluq professjonalment ***fl-Ewropa***. L-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa ekosistema tal-informazzjoni vijabbli, indipendenti u diversa, tipproteġi lill-ġurnalisti mhedda, tippromwovi l-libertà u l-pluraliżmu ***tal-media***, u ssaħħaħ l-integrità tal-ispazju tal-

informazzjoni, billi tippromwovi miżuri u ssaħħaħ il-kooperazzjoni maħsuba kontra d-diżinformazzjoni u tappoġġa l-litteriżmu diġitali u ***fil-midja***, inkluż fost iż-żgħażagħ.	informazzjoni, billi tippromwovi miżuri u ssaħħaħ il-kooperazzjoni maħsuba kontra d-diżinformazzjoni u tappoġġa l-litteriżmu diġitali u ***fil-media***, inkluż fost iż-żgħażagħ.
	Or. en

Emenda 414
Erik Kaliňák

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Il-kmamar tal-aħbarijiet u l-ġurnalisti fl-Unjoni qed ikollhom pressjoni akbar, b'mod partikolari minħabba ż-żieda fil-pjattaformi online dinjin, it-tibdil fid-drawwiet tal-konsum, u t-tixrid dejjem akbar tad-diżinformazzjoni. Dawn l-isfidi jaffettwaw id-dħul u d-distribuzzjoni tal-aħbarijiet, jimminaw il-vijabbiltà u l-fiduċja tal-pubbliku fil-kmamar tal-aħbarijiet, u jillimitaw l-aċċess taċ-ċittadini għal kontenut ġurnalistiku Ewropew varjat u maħluq professjonalment. L-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa ekosistema tal-informazzjoni vijabbli, indipendenti u diversa, tipproteġi lill-ġurnalisti mhedda, tippromwovi l-libertà u l-pluraliżmu ***tal-midja***, u ssaħħaħ l-integrità tal-ispazju tal-informazzjoni, billi ***tippromwovi miżuri u ssaħħaħ il-kooperazzjoni maħsuba kontra d-diżinformazzjoni u*** tappoġġa l-litteriżmu diġitali u ***fil-midja***, inkluż fost iż-żgħażagħ.	(13) Il-kmamar tal-aħbarijiet u l-ġurnalisti fl-Unjoni qed ikollhom pressjoni akbar, b'mod partikolari minħabba ż-żieda fil-pjattaformi online dinjin, it-tibdil fid-drawwiet tal-konsum, u t-tixrid dejjem akbar tad-diżinformazzjoni. Dawn l-isfidi jaffettwaw id-dħul u d-distribuzzjoni tal-aħbarijiet, jimminaw il-vijabbiltà u l-fiduċja tal-pubbliku fil-kmamar tal-aħbarijiet, u jillimitaw l-aċċess taċ-ċittadini għal kontenut ġurnalistiku Ewropew varjat u maħluq professjonalment. L-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa ekosistema tal-informazzjoni vijabbli, indipendenti u diversa, tipproteġi lill-ġurnalisti mhedda, tippromwovi l-libertà u l-pluraliżmu ***tal-media***, u ssaħħaħ l-integrità tal-ispazju tal-informazzjoni, billi tappoġġa ***l-ġurnaliżmu ta' kwalità, it-trasparenza tal-informazzjoni u*** l-litteriżmu diġitali u ***fil-media***, inkluż fost iż-żgħażagħ.
	Or. sk

Ġustifikazzjoni

Il-libertà tal-espressjoni u l-pluraliżmu tal-media huma fost il-prinċipji fundamentali ta' soċjetà demokratika. L-appoġġ għal ġurnaliżmu ta' kwalità, it-trasparenza tal-informazzjoni, u l-litteriżmu tal-media jirrappreżenta approċċ pożittiv u li jista' oġġettivament jitkejjel għat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-ispazju tal-informazzjoni. Fl-istess ħin, it-tħassir tar-referenza

"kontra d-diżinformazzjoni" jnaqqas ir-riskju ta' interpretazzjonijiet differenti ta' kunċett li mhux definit b'mod uniformi fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

Emenda 415
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Is-sostenibbiltà u l-kompetittività tas-settur tal-aħbarijiet Ewropew jiddependu wkoll mill-kapaċità tiegħu li jadatta għat-trasformazzjoni diġitali. L-iżvilupp u l-varar ta' għodod teknoloġiċi innovattivi, inklużi soluzzjonijiet xprunati mid-data, analitiċi, ta' tiftix, ta' traduzzjoni u ta' intelliġenza artifiċjali żviluppati fl-Ewropa u allinjati mal-qafas legali tal-Unjoni, jistgħu jtejbu l-kwalità, l-aċċessibbiltà u l-firxa tal-kontenut ġurnalistiku, jappoġġaw formati u servizzi ġodda, u jippermettu lill-organizzazzjonijiet tal-media tal-aħbarijiet jirrispondu b'mod aktar effettiv għall-aspettattivi tal-udjenza li qed jevolvu. Tali innovazzjoni hija essenzjali wkoll biex jiġi żgurat li l-udjenzi, b'mod partikolari l-ġenerazzjonijiet żgħażagħ, ikomplu jqisu l-media tal-aħbarijiet Ewropea bħala s-sors primarju tagħhom ta' informazzjoni affidabbli. L-Unjoni għalhekk jenħtieġ li tappoġġa azzjonijiet li jsaħħu l-kapaċitajiet diġitali tas-settur tal-media tal-aħbarijiet, inkluż permezz ta' investimenti fl-innovazzjoni teknoloġika, l-isfruttament tad-data u soluzzjonijiet iffaċilitati bl-IA, kif ukoll permezz ta' miżuri mmirati biex il-ġurnalisti u l-professjonisti tal-media jiġu mgħammra bil-ħiliet meħtieġa biex jisfruttaw l-opportunitajiet u jindirizzaw l-isfidi tal-ekosistema diġitali. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-ħtiġijiet tal-organizzazzjonijiet żgħar, lokali u

reġjonali tal-media tal-aħbarijiet, inkluż billi jiġu appoġġati opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid, titjib tal-ħiliet u taħriġ li jippermettulhom jadattaw għall-bidla teknoloġika u jibqgħu kompetittivi u sostenibbli.

Or. en

Emenda 416
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) L-Unjoni Ewropea rrikonoxxiet dejjem aktar il-litteriżmu fil-media bħala prijorità politika permezz tal-pjanijiet ta' azzjoni, l-istrateġiji u l-qafas regolatorju tagħha. Il-litteriżmu fil-media huwa essenzjali biex jagħti s-setgħa liċ-ċittadini, isaħħaħ il-kapaċità tagħhom li jipparteċipaw b'mod sinifikanti fil-ħajja demokratika, u jsaħħaħ ir-reżiljenza demokratika, b'mod partikolari fil-kuntesti tal-FIMI u l-interferenza fil-proċessi elettorali li ġew osservati fl-Unjoni. Għalhekk, id-definizzjoni tal-litteriżmu fil-media jenħtieġ li tmur lil hinn mill-ħiliet ta' ħsieb tekniku u kritiku biex tinkludi l-kapaċità taċ-ċittadini li jifhmu, jinterpretaw u jinteraġixxu mal-ambjenti tal-media, kif ukoll l-għarfien, l-attitudnijiet, il-valuri, il-fatturi komportamentali u emozzjonali li jsawru kif jipperċepixxu u jinvolvu ruħhom fil-kontenut. Il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-istituzzjonijiet pubbliċi, l-organizzazzjonijiet soċjokulturali u s-soċjetà ċivili għandhom rwol ewlieni fit-trawwim ta' dawn il-kompetenzi. Il-litteriżmu fil-media jenħtieġ li jiġi ttrattat bħala pilastru tar-reżiljenza demokratika, u jenħtieġ li jkun immirat b'mod speċjali lejn komunitajiet u adulti li mhumiex

moqdijin biżżejjed. AgoraEU jenħtieġ li jipprovdi wkoll riżorsi biex jappoġġa l-impenn tal-UE, fit-Tarka Ewropea għad-Demokrazija, biex iżid il-kollaborazzjoni mal-atturi tal-media dwar il-litteriżmu fil-media.

Or. en

Emenda 417
Sandra Kalniete

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Jenħtieġ li l-fergħa "Informazzjoni u Ġurnaliżmu" jkollha l-għan li tipprovdi appoġġ konkret fl-oqsma relatati mal-funzjonament xieraq u r-reżiljenza tas-settur tal-media tal-aħbarijiet. Jenħtieġ li ssaħħaħ id-diversità tas-settur Ewropew tal-media tal-aħbarijiet, inkluż billi tipprovdi appoġġ lil varjetà wiesgħa ta' organizzazzjonijiet tal-media tal-aħbarijiet, b'attenzjoni partikolari mogħtija lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju kif ukoll lill-organizzazzjonijiet tal-aħbarijiet reġjonali u lokali b'mod partikolari dawk li joperaw fil-livell lokali. Jenħtieġ li tikkontribwixxi biex tiżdied is-sikurezza tal-ġurnalisti, tal-professjonisti tal-media u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, filwaqt li tirrikonoxxi r-rwol ewlieni tagħhom f'ekosistema ta' informazzjoni b'saħħitha. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa wkoll lis-settur tal-aħbarijiet Ewropew biex jiffaċċja l-isfidi li jirriżultaw mit-trasformazzjoni diġitali u r-riskji tad-dežerti tal-informazzjoni fl-Unjoni. Dan jenħtieġ li jinkludi l-appoġġ għall-kontenut tal-aħbarijiet affidabbli biex jilħaq l-udjenzi tiegħu u s-salvagwardja ta' prominenza xierqa ta'

tali kontenut fl-ispazju online.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-reżiljenza tal-organizzazzjonijiet tal-aħbarijiet żgħar, medji, reġjonali u lokali hija kwistjoni ta' interess Ewropew komuni. Il-media lokali u reġjonali hija l-pedament tal-pluraliżmu tal-media u r-responsabbiltà demokratika fl-Unjoni, iżda tiffaċċja vulnerabbiltà sistemika minħabba tfixkil diġitali u r-riskju dejjem jikber ta' dezerti tal-informazzjoni. L-iżgurar tal-vijabbiltà tagħhom huwa essenzjali għas-salvagwardja tal-aċċess taċ-ċittadini għal informazzjoni affidabbli, għall-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni transfruntiera u għaż-żamma ta' ekosistema tal-informazzjoni Ewropea b'saħħitha biex jiġu evitati d-disparitajiet reġjonali fir-reżiljenza tal-media.

Emenda 418
Nikola Minchev, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Irena Joveva, Fabienne Keller, Laurence Farreng, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Hristo Petrov, Dainius Žalimas, Hilde Vautmans, Bernard Guetta

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Il-litteriżmu fil-media mhuwiex biss għodda għall-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni, iżda wkoll kompetenza ċivika li tagħti s-setgħa liċ-ċittadini biex jipparteċipaw b'mod attiv u responsabbli fil-ħajja demokratika. F'kuntest ta' pressjoni dejjem akbar fuq il-pluraliżmu tal-media u l-istat tad-dritt f'diversi Stati Membri, l-għoti tas-setgħa liċ-ċittadini b'ħiliet b'saħħithom fil-litteriżmu fil-media jista' jgħin biex tissaħħaħ ir-reżiljenza demokratika, b'mod partikolari fejn il-media indipendenti tiddgħajjef. Filwaqt li jibni fuq it-tagħlimiet meħuda minn inizjattivi appoġġati matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa inizjattivi transfruntiera u minn isfel għal fuq li joffru mezz effettiv u reżiljenti għall-iżvilupp ta' tali kompetenzi, billi jippermetti li jiġu ttestjati, imqabbla u skalati approċċi lokali prattiċi. Għalhekk

jenħtieġ li jiġu żgurati sinerġiji mal-programm Erasmus + u mal-inizjattivi rilevanti tal-Unjoni li għandhom l-għan li jippromwovu ambjent online aktar sikur, aktar trasparenti u aktar responsabbli.

Or. en

Emenda 419
Paolo Inselvini

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Il-familja għandha rwol ewlieni fil-koeżjoni soċjali, fis-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet, fil-kura ta' dawk l-aktar vulnerabbli u fit-trażmissjoni tal-valuri ċiviċi u kulturali. Bħala l-ewwel komunità edukattiva u l-ambjent primarju għat-tkabbir u għall-iżvilupp personali, din tagħti kontribut essenzjali għall-benesseri tat-tfal, għall-parteċipazzjoni responsabbli fis-soċjetà u għar-reżiljenza tal-komunità. Għalhekk, fl-implimentazzjoni ta' dan il-Programm, l-Unjoni jenħtieġ li tirrikonoxxi u tagħti valur lir-rwol tal-familja, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-kompetenzi tal-Istati Membri u d-dritt tal-ġenituri li jiżguraw l-edukazzjoni u t-tagħlim tat-tfal tagħhom skont il-konvinzjonijiet filosofiċi, reliġjużi u pedagoġiċi tagħhom, kif rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Or. it

Emenda 420
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Brigitte van den Berg, Irena Joveva, Fabienne Keller, Lucia Yar, Dainius Žalimas, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Ir-rwol dejjem akbar tal-pjattaformi online kbar ħafna u tas-sistemi ta' rakkomandazzjoni fit-tfassil tal-aċċess għall-informazzjoni, id-dibattitu pubbliku u l-konsum tal-media għandu implikazzjonijiet sinifikanti għall-pluraliżmu tal-media, il-parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza tal-ispazju Ewropew tal-informazzjoni. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa attivitajiet indipendenti u ta' interess pubbliku li għandhom l-għan li jżidu t-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u l-fehim tas-sistemi algoritmiċi, is-swieq tar-reklamar online u l-governanza tal-pjattaformi, inkluż permezz ta' appoġġ għar-riċerkaturi, il-ġurnalisti, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-atturi tal-media.

Or. en

Emenda 421
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(13a) Il-ġurnalisti fl-Unjoni jiffaċċjaw theddid legali, diġitali u fiżiku dejjem akbar, inklużi kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (SLAPPs), fastidju, sorveljanza, inkluż permezz tal-użu ta' software ta' sorveljanza intrużiv, u tal-vjolenza, spiss aggravati minn kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji. Il-programm jenħtieġ li jipprovdi appoġġ immirat għas-sikurezza tal-ġurnalisti, l-għajnuna legali, is-sigurtà diġitali, l-appoġġ psikosoċjali u l-mekkaniżmi ta' emerġenza, u jikkontribwixxi għall-**

implimentazzjoni effettiva tal-miżuri tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti u s-salvagwardji kontra s-SLAPP.

Or. en

Emenda 422
Mario Furore

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Il-ġurnaliżmu investigattiv jaġixxi bħala pilastru fundamentali tad-demokrazija Ewropea billi jesponi l-korruzzjoni, jiġġieled id-diżinformazzjoni, u jiżgura l-obbligu ta' rendikont demokratiku. Filwaqt li jirrikonoxxi l-kostijiet għoljin, it-theddid legali (bħal kawżi strateġiċi kontra l-partečipazzjoni pubblika), u r-riskji sinifikanti assoċjati ma' dan il-format, jenħtieġ li l-Programm jipprovdi appoġġ immirat, strutturali u fit-tul għall-ġurnaliżmu investigattiv, b'mod partikolari l-kollaborazzjonijiet transfruntiera, biex jiġu żgurati l-vijabbiltà, l-indipendenza u l-kapaċità tagħhom li joperaw mingħajr interferenza.

Or. en

Emenda 423
Joanna Scheuring-Wielgus, Maria Guzenina

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Il-pluraliżmu tal-media, il-ġurnaliżmu indipendenti u l-verifika tal-fatti, u l-litteriżmu fil-media

jikkostitwixxu komponenti ewlenin tar-reżiljenza demokratika u l-integrità tal-ispazju tal-informazzjoni. Il-programm jenħtieġ li jiżgura appoġġ prevedibbli u pluriennali għat-trawwim tal-pluraliżmu tal-media, tal-verifika tal-fatti, tal-kapaċitajiet ta' verifika u tal-inizjattivi ta' litteriżmu fil-media, inkluż, fejn rilevanti, il-kooperazzjoni transfruntiera u metodoloġiji kondiviżi, filwaqt li jippreżerva l-indipendenza editorjali.

Or. en

Emenda 424
Sunčana Glavak

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Il-media lokali u reġjonali indipendenti hija assolutament kruċjali għall-pluraliżmu tal-media, għall-kooperazzjoni demokratika, għall-koeżjoni soċjali u għall-aċċess pubbliku għal informazzjoni affidabbli. Fid-dawl tal-pressjonijiet ekonomiċi dejjem jikbru li qed jiffaċċjaw, il-Programm jenħtieġ li jiżgura miżuri ta' appoġġ immirati biex tissaħħaħ ir-reżiljenza, il-kapaċità innovattiva u l-vijabbiltà fit-tul tagħhom.

Or. hr

Emenda 425
Chiara Gemma, Ivaylo Valchev

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Il-protezzjoni tal-libertà tal-

istampa u l-pluraliżmu tal-media trid issir b'rispett sħiħ tal-indipendenza editorjali u mingħajr ma l-finanzjament Ewropew joħloq xi forma ta' dipendenza strutturali.

Or. it

Emenda 426
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Premessa 13b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13b) Il-ġurnaliżmu lokali huwa komponent kruċjali ta' ekosistema tal-media pluralistika. Madankollu, ix-xenarju tal-media tal-aħbarijiet Ewropea qed jiffaċċja sfidi sinifikanti fil-livell lokali. Il-media lokali u komunitarja spiss topera f'kundizzjonijiet ekonomikament prekarji u hija affettwata b'mod sproporzjonat miċ-ċentralizzazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-aħbarijiet, it-tnaqqis fid-dħul mir-reklamar, u t-tibdil fix-xejriet tal-konsum tal-media. B'riżultat ta' dan, xi reġjuni jirriskjaw li ma jkunux moqdijin biżżejjed minn sorsi affidabbli, diversi u li tista' tafdahom ta' informazzjoni lokali. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li t-taqsima "News Media", fost l-oħrajn, tipprovdi appoġġ lill-organizzazzjonijiet tal-aħbarijiet lokali u komunitarji, inklużi dawk li joperaw bil-lingwi minoritarji, li jservu gruppi emarġinati jew sottorappreżentati, jew li jippromwovu inizjattivi li jinvolvu b'mod attiv liċ-ċittadini fil-produzzjoni u t-tixrid tal-aħbarijiet. Jenħtieġ li tappoġġa wkoll inizjattivi mwettqa mill-media tas-servizz pubbliku, inklużi l-fergħat reġjonali u lokali tagħhom, li jikkontribwixxu għall-iżgurar tal-aċċess għal informazzjoni lokali ta' kwalità għolja u għat-tisħiħ tal-konnessjoni taċ-ċittadini mal-ħajja

demokratika lokali.

Or. en

Emenda 427
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Premessa 13b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13b) Il-media u l-ġurnaliżmu fl-Unjoni qed topera dejjem aktar fuq bażi transfruntiera u tikkontribwixxi għall-funzjonament tas-suq intern. Inizjattivi reċenti tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2024/1083 (l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media), għandhom l-għan li jindirizzaw l-ostakli għall-forniment liberu tas-servizzi tal-media, il-protezzjoni u s-sikurezza tal-ġurnalisti, inkluż kontra s-SLAPPs, u li jsaħħu t-trasparenza, iċ-ċertezza legali, u l-kompetizzjoni ġusta fl-Unjoni. It-taqsima MEDIA+ jenħtieġ li tkun koerenti mal-objettivi tal-leġiżlazzjoni u l-istrumenti tal-UE, inklużi d-Direttiva 2010/13/UE u r-Regolament (UE) 2024/1083, fost l-oħrajn, u jenħtieġ li tagħmel enfasi fuq l-indipendenza u s-sostenibbiltà tal-media, l-istandards professjonali, u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ġurnalisti.

Or. en

Emenda 428
Joanna Scheuring-Wielgus, Maria Guzenina

Proposta għal regolament
Premessa 13b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(13b) Il-ġurnaliżmu investigattiv jaġixxi bħala pilastru fundamentali tad-demokrazija Ewropea billi jesponi l-korruzzjoni, jiġġieled id-diżinformazzjoni, u jiżgura l-obbligu ta' rendikont demokratiku. Filwaqt li jirrikonoxxi l-kostijiet għoljin, it-theddid legali (bħal kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika), u r-riskji sinifikanti assoċjati ma' dan il-format, jenħtieġ li l-Programm jipprovdi appoġġ immirat, strutturali u fit-tul għall-media investigattiva, b'mod partikolari l-kollaborazzjonijiet transfruntiera, biex jiġu żgurati l-vijabbiltà, l-indipendenza u l-kapaċità tagħhom li joperaw mingħajr interferenza.

Or. en

Emenda 429
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Brigitte van den Berg, Irena Joveva, Fabienne Keller, Lucia Yar, Dainius Žalimas, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Premessa 13b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13b) Tali appoġġ jenħtieġ li jinkludi azzjonijiet li għandhom l-għan li jtejbu l-iskoperta u l-prominenza dovuta ta' kontenut ġurnalistiku Ewropew indipendenti, affidabbli u prodott professjonalment, inkluż permezz ta' monitoraġġ u promozzjoni dwar l-impatt tas-sistemi ta' rakkomandazzjoni, il-klassifikazzjonijiet tat-tiftix u l-governanza tal-pjattaformi fuq il-pluraliżmu tal-media.

Or. en

Emenda 430

Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Premessa 13c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13c) Sabiex jiġu evitati żbilanċi strutturali fi ħdan it-taqsima MEDIA+ u kompetizzjoni mhux intenzjonata bejn is-settur awdjoviżiv u s-settur tal-aħbarijiet u tal-informazzjoni ta' interess pubbliku, il-Programm jenħtieġ li jiżgura allokazzjoni ġusta, trasparenti u prevedibbli tar-riżorsi fi ħdan il-MEDIA+. Filwaqt li l-flessibbiltà hija meħtieġa biex twieġeb għall-ħtiġijiet li qed jevolvu, distribuzzjoni bbilanċjata bejn l-azzjonijiet awdjoviżivi u l-azzjonijiet relatati mal-aħbarijiet hija essenzjali biex jiġu ssalvagwardjati l-pluraliżmu tal-media u l-vijabbiltà tal-ekosistema tal-informazzjoni ta' interess pubbliku.

Or. en

Emenda 431
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Brigitte van den Berg, Irena Joveva, Fabienne Keller, Lucia Yar, Dainius Žalimas, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Premessa 13c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13c) Il-ġurnaliżmu indipendenti u l-pluraliżmu tal-media huma komponenti essenzjali tar-reżiljenza demokratika, tad-dibattitu pubbliku infurmat u tal-istat tad-dritt. L-appoġġ għal ġurnaliżmu sostenibbli u indipendenti jikkontribwixxi għas-salvagwardja tal-kwalità, l-affidabbiltà u l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni fl-Unjoni u jsaħħaħ ir-reżiljenza kontra d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-

interferenza minn barranin.

Or. en

Emenda 432
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Premessa 13d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13d) It-taqsima MEDIA+ jenħtieġ li tirrifletti l-funzjoni demokratika speċifika u l-vulnerabbiltà strutturali tas-settur tal-aħbarijiet u tal-informazzjoni ta' interess pubbliku. Il-ġurnaliżmu, il-media indipendenti u l-ekosistema usa' tal-informazzjoni ta' interess pubbliku għandhom rwol sistemiku fis-salvagwardja tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari fil-livell lokali u reġjonali. Għalhekk, it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' MEDIA+ jenħtieġ li jqisu b'mod espliċitu l-ħtiġijiet speċifiċi tal-media indipendenti u ta' interess pubbliku, tal-ġurnalisti u tal-organizzazzjonijiet tal-verifika tal-fatti, bħall-appoġġ finanzjarju, l-indipendenza editorjali, is-sikurezza u l-protezzjoni legali. Jenħtieġ li jsegwu dawn l-objettivi billi, fost l-oħrajn, jappoġġaw il-modernizzazzjoni tal-media tal-aħbarijiet professjonali, inkluż permezz tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid u t-taħriġ għall-ħarrieġa, prattiki innovattivi li jsaħħu l-ħidma ġurnalistika u billi jsaħħu r-rwol tal-media lokali fis-salvagwardja tad-dibattitu demokratiku, b'mod partikolari fid-deżerti tal-aħbarijiet.

Or. en

Emenda 433

Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Premessa 13e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13e) Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa l-iżvilupp ta' infrastruttura diġitali pubblika kondiviża, bi prezz raġonevoli, miftuħa u interoperabbli għall-ġurnaliżmu, inkluż għodod għall-ħżin, il-verifika, id-distribuzzjoni u l-produzzjoni ta' kontenut multilingwi siguri, kif ukoll soluzzjonijiet ta' intelliġenza artifiċjali ċċentrati fuq il-bniedem, affidabbli u, fejn xieraq, miftuħa u interoperabbli li jippreżervaw il-kontroll editorjali u jimmitigaw ir-riskji sistemiċi.

Or. en

Emenda 434
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Premessa 13f (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13f) Il-ġurnalisti fl-Unjoni jiffaċċjaw theddid legali, diġitali u fiżiku dejjem akbar, inklużi kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (SLAPPs), fastidju, sorveljanza u vjolenza, ta' spiss aktar ikkumplikata minn kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji. Il-programm jenħtieġ li jipprovdi appoġġ immirat għas-sikurezza tal-ġurnalisti, l-għajnuna legali, is-sigurtà diġitali, l-appoġġ psikosoċjali u l-mekkaniżmi ta' emerġenza, u jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti u s-salvagwardji kontra s-SLAPP.

Or. en

Emenda 435
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Premessa 13g (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13g) Il-litteriżmu fil-plural, il-pluraliżmu tal-media, il-ġurnaliżmu indipendenti u l-verifika tal-fatti jikkostitwixxu komponenti ewlenin tar-reżiljenza demokratika u l-integrità tal-ispazju tal-informazzjoni. Il-Programm jenħtieġ li jiżgura appoġġ prevedibbli u pluriennali għat-trawwim tal-pluraliżmu tal-media, il-verifika tal-fatti, il-kapaċitajiet ta' verifika u l-inizjattivi ta' litteriżmu fil-media, inkluża l-kooperazzjoni transfruntiera u metodoloġiji kondiviżi, filwaqt li jippreżerva l-indipendenza editorjali.

Or. en

Emenda 436
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Premessa 13h (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13h) Il-ġurnaliżmu investigattiv jaġixxi bħala pilastru fundamentali tad-demokrazija Ewropea billi jesponi l-korruzzjoni, jiġġieled id-diżinformazzjoni, u jiżgura l-obbligu ta' rendikont demokratiku. Filwaqt li jirrikonoxxi l-kostijiet għoljin, it-theddid legali (bħal kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika), u r-riskji sinifikanti assoċjati ma' dan il-format, jenħtieġ li l-Programm jipprovdi appoġġ immirat, strutturali u fit-tul għall-media investigattiva, b'mod

	partikolari l-kollaborazzjonijiet transfruntiera, biex jiġu żgurati l-vijabbiltà, l-indipendenza u l-kapaċità tagħhom li joperaw mingħajr interferenza.

Or. en

Emenda 437
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Id-demokraziji fl-Unjoni qed isibu sfidi dejjem akbar. It-tnaqqis fil-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet u fil-proċessi demokratiċi qed ikompli jaggrava bid-diżinformazzjoni, bil-polarizzazzjoni soċjali u bil-mibegħda li jħallu impatt fuq il-proċessi elettorali u proċessi demokratiċi oħra. Biex id-demokrazija Ewropea ssir aktar reżiljenti, hemm bżonn jitħaddem approċċ ta' soċjetà sħiħa.	***imħassar***

Or. fi

Emenda 438
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, José Cepeda, Sandro Ruotolo, Marco Tarquinio, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) ***Id-demokraziji fl-Unjoni*** qed isibu sfidi dejjem akbar. ***It-tnaqqis*** fil-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet u fil-proċessi demokratiċi qed ikompli jaggrava bid-diżinformazzjoni, bil-polarizzazzjoni soċjali u bil-mibegħda li jħallu impatt fuq il-proċessi elettorali u proċessi demokratiċi	(14) ***L-Istati Membri*** qed isibu sfidi dejjem akbar***, inkluż ir-rigress fid-demokrazija, fl-istat tad-dritt u fid-drittijiet fundamentali***. ***It-tnaqqis ġenerali fil-parteċipazzjoni demokratika, inkluż iżda mhux limitat għall-eżerċizzju tad-dritt tal-vot, tal-volontarjat u tnaqqis*** fil-

oħra. Biex id-demokrazija Ewropea ssir aktar reżiljenti, hemm bżonn jitħaddem approċċ ta' soċjetà sħiħa.

fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet u fil-proċessi demokratiċi qed ikompli jaggrava bid-diżinformazzjoni, bil-polarizzazzjoni soċjali u bil-mibegħda li jħallu impatt fuq il-proċessi elettorali u proċessi demokratiċi oħra. ***Il-persuni li jirrisjedu fl-Unjoni jenħtieġ li jkunu jistgħu jaċċessaw kontenut affidabbli li jkun ġie prodott mill-ġurnalisti b'mod indipendenti u f'konformità mal-istandards etiċi u ġurnalistiċi.*** Approċċ ta' soċjetà sħiħa ***li jibni fuq l-enfasi fuq ir-rabta, il-fehim u l-empatija tad-diversi gruppi fis-soċjetà kif ukoll fuq ir-rappreżentanza mhux stereotipika ta' gruppi vulnerabbli, huwa meħtieġ*** biex id-demokrazija Ewropea ssir aktar reżiljenti***, u biex jiġu miġġielda n-narrattivi ta' antagoniżmu u definizzjoni, filwaqt li n-nies jingħataw is-setgħa, inklużi komunitajiet sottorappreżentati, biex jikkontribwixxu b'mod attiv għall-governanza tal-komunitajiet tagħhom***.

Or. en

Emenda 439
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Id-demokraziji fl-Unjoni qed isibu sfidi dejjem akbar. It-tnaqqis fil-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet u fil-proċessi demokratiċi qed ikompli jaggrava ***bid-diżinformazzjoni, bil-polarizzazzjoni soċjali*** u ***bil-mibegħda*** li jħallu impatt fuq il-proċessi elettorali u proċessi demokratiċi oħra. ***Biex id-demokrazija Ewropea ssir aktar reżiljenti, hemm bżonn jitħaddem approċċ ta' soċjetà sħiħa***.	(14) Id-demokraziji fl-Unjoni qed isibu sfidi dejjem akbar. It-tnaqqis fil-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet u l-proċessi demokratiċi qed ikompli jaggrava ***bid-dipendenza finanzjarja*** u ***s-superviżjoni regolatorja tal-kmamar tal-aħbarijiet mill-awtoritajiet pubbliċi,*** li jħallu impatt fuq il-proċessi elettorali u proċessi demokratiċi oħra. ***Bħala tali, ir-rieda tal-awtoritajiet pubbliċi, Ewropej u nazzjonali, li jikkontrollaw il-pjattaformi online tista' leġittimament twassal liċ-ċittadini biex jibżgħu li għaddej proċess biex dawn il-pjattaformi jispiċċaw taħt sorveljanza, kif***

kien il-każ bil-media tradizzjonali fil-passat.

Or. fr

Emenda 440
Erik Kaliňák

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Id-demokraziji fl-Unjoni qed isibu sfidi dejjem akbar. It-tnaqqis fil-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet u fil-proċessi demokratiċi ***qed ikompli jaggrava bid-diżinformazzjoni, bil-polarizzazzjoni*** soċjali ***u bil-mibegħda li jħallu*** impatt fuq il-proċessi elettorali u proċessi demokratiċi oħra. Biex id-demokrazija Ewropea ssir aktar reżiljenti, hemm bżonn jitħaddem approċċ ta' soċjetà sħiħa.	(14) Id-demokraziji fl-Unjoni qed isibu sfidi dejjem akbar. It-tnaqqis fil-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet u fil-proċessi demokratiċi ***huwa influwenzat minn firxa ta' fatturi*** soċjali***, ekonomiċi u teknoloġiċi, inklużi bidliet fl-ambjent tal-informazzjoni u fil-mod kif tinxtered l-informazzjoni, li jista' jkollhom*** impatt fuq il-proċessi elettorali u proċessi demokratiċi oħra. Biex id-demokrazija Ewropea ssir aktar reżiljenti, hemm bżonn jitħaddem approċċ ta' soċjetà sħiħa.

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Il-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet demokratiċi hija influwenzata minn firxa wiesgħa ta' fatturi, inklużi bidliet ekonomiċi, soċjali u teknoloġiċi. It-test propost iżomm deskrizzjoni fattwali tal-isfidi li qed jiffaċċjaw il-proċessi demokratiċi, filwaqt li juża terminoloġija aktar newtrali u preċiża li ma tippreġudikax il-kawżi politiċi jew soċjali speċifiċi tat-tnaqqis fil-fiduċja taċ-ċittadini.

Emenda 441
Fredis Beleris

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Id-demokraziji fl-Unjoni qed isibu	(14) Id-demokraziji fl-Unjoni qed isibu

sfidi dejjem akbar. It-tnaqqis fil-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet u fil-proċessi demokratiċi qed ikompli jaggrava bid-diżinformazzjoni, bil-polarizzazzjoni soċjali u bil-mibegħda li jħallu impatt fuq il-proċessi elettorali u proċessi demokratiċi oħra. Biex id-demokrazija Ewropea ssir aktar reżiljenti, hemm bżonn jitħaddem approċċ ta' soċjetà sħiħa.	sfidi dejjem akbar. It-tnaqqis fil-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet u fil-proċessi demokratiċi qed ikompli jaggrava bid-diżinformazzjoni***, bl-influwenza malizzjuża u bil-manipulazzjoni tal-informazzjoni minn pajjiżi terzi (FIMI)***, bil-polarizzazzjoni soċjali u bil-mibegħda li jħallu impatt fuq il-proċessi elettorali u proċessi demokratiċi oħra. Biex id-demokrazija Ewropea ssir aktar reżiljenti, hemm bżonn jitħaddem approċċ ta' soċjetà sħiħa.
	Or. el

Emenda 442
Milan Uhrík

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Id-demokraziji fl-Unjoni qed isibu sfidi dejjem akbar. It-tnaqqis fil-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet u fil-proċessi ***demokratiċi*** qed ikompli jaggrava ***bid-diżinformazzjoni, bil-polarizzazzjoni soċjali u bil-mibegħda li jħallu impatt*** fuq il-proċessi elettorali u proċessi demokratiċi oħra. ***Biex id-demokrazija Ewropea ssir aktar reżiljenti, hemm bżonn jitħaddem approċċ ta' soċjetà sħiħa.***	(14) Id-demokraziji fl-Unjoni qed isibu sfidi dejjem akbar. It-tnaqqis fil-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet ***Ewropej*** u fil-proċessi qed ikompli jaggrava ***bl-iskandli (Pfizergate, Qatargate, Reyndersgate eċċ.), bil-politiki b'effett negattiv fuq l-istandards tal-għajxien tal-persuni u tal-industrija, kif ukoll b'interferenza fil-proċessi*** elettorali u proċessi demokratiċi oħra ***fl-Istati Membri***.
	Or. en

Emenda 443
Pernando Barrena Arza, Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Id-demokraziji fl-Unjoni qed isibu	(14) Id-demokraziji fl-Unjoni qed isibu

sfidi dejjem akbar. It-tnaqqis fil-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet u fil-proċessi demokratiċi qed ikompli jaggrava bid-diżinformazzjoni, bil-polarizzazzjoni soċjali u bil-mibegħda li jħallu impatt fuq il-proċessi elettorali u proċessi demokratiċi oħra. Biex id-demokrazija Ewropea ssir aktar reżiljenti, hemm bżonn jitħaddem approċċ ta' soċjetà sħiħa.	sfidi dejjem akbar. It-tnaqqis fil-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet u fil-proċessi demokratiċi qed ikompli jaggrava bid-diżinformazzjoni, bil-polarizzazzjoni soċjali***, bid-diskriminazzjoni*** u bil-mibegħda li jħallu impatt fuq il-proċessi elettorali u proċessi demokratiċi oħra. Biex id-demokrazija Ewropea ssir aktar reżiljenti, hemm bżonn jitħaddem approċċ ta' soċjetà sħiħa.
	Or. en

Emenda 444
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Id-demokraziji fl-Unjoni qed isibu sfidi dejjem akbar. It-tnaqqis fil-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet u fil-proċessi demokratiċi qed ikompli jaggrava bid-diżinformazzjoni, bil-polarizzazzjoni soċjali u bil-mibegħda li jħallu impatt fuq il-proċessi elettorali u proċessi demokratiċi oħra. Biex id-demokrazija Ewropea ssir aktar reżiljenti, hemm bżonn jitħaddem approċċ ta' soċjetà sħiħa.	(14) Id-demokraziji fl-Unjoni qed isibu sfidi dejjem akbar. It-tnaqqis fil-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet u fil-proċessi demokratiċi qed ikompli jaggrava bid-diżinformazzjoni, bil-polarizzazzjoni soċjali u bil-mibegħda li jħallu impatt fuq il-proċessi elettorali u proċessi demokratiċi oħra. Biex id-demokrazija Ewropea ssir aktar reżiljenti, hemm bżonn jitħaddem approċċ ***ibbażat fuq id-drittijiet*** ta' soċjetà sħiħa.
	Or. en

Emenda 445
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) ***Id-demokraziji fl-Unjoni*** qed isibu	(14) ***L-Istati Membri*** qed isibu sfidi

sfidi dejjem akbar***. It-tnaqqis fil-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet u fil-proċessi demokratiċi qed ikompli jaggrava bid-diżinformazzjoni, bil-polarizzazzjoni soċjali u bil-mibegħda li jħallu impatt fuq il-proċessi elettorali u proċessi demokratiċi oħra. Biex id-demokrazija Ewropea ssir aktar reżiljenti, hemm bżonn jitħaddem approċċ ta' soċjetà sħiħa.***	dejjem akbar***, inkluż ir-rigress fid-demokrazija, fl-istat tad-dritt u fid-drittijiet fundamentali. Il-persuni li jirrisjedu fl-Unjoni jenħtieġ li jkunu jistgħu jaċċessaw kontenut affidabbli li jkun ġie prodott mill-ġurnalisti b'mod indipendenti u f'konformità mal-istandards etiċi u ġurnalistiċi.***

Or. en

Emenda 446
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Ifakkar li, fi Franza, ir-rapport 2698 dwar in-newtralità, l-operat u l-finanzjament tax-xandir pubbliku mill-Kumitat ta' Inkjesta tal-Assemblea Nazzjonali, li tfassal mir-rapporteur Charles Alloncle, osserva nuqqas ta' pluraliżmu fil-programmi u fil-kontenut tax-xandir pubbliku, minkejja l-finanzjament pubbliku sinifikanti li rċieva s-settur. Dan ħafna drabi jinstab li huwa l-każ f'ħafna pajjiżi Ewropej.

Or. fr

Emenda 447
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Il-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali jgħinuna nsawru Unjoni aktar demokratika. ***In-***	(15) Il-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali jgħinuna nsawru Unjoni aktar demokratika. Il-Programm

nondiskriminazzjoni hi prinċipju ewlieni tal-Unjoni minqux fl-Artikolu 19 tat-TFUE u fl-Artikolu 21 tal-Karta. Il-ħidma favur soċjetà ugwali u ħielsa mid-diskriminazzjoni tikkontribwixxi biex jinħataf il-potenzjal tan-nies fid-diversità tagħhom u għat-tkabbir kulturali, ekonomiku u soċjali. Tgħin ukoll biex jingħelbu l-kawżi sottostanti tal-vjolenza kontra l-gruppi vulnerabbli, li min-naħa tagħha hija attakk frontali fuq l-ugwaljanza. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li ***jippromwovi azzjonijiet li jindirizzaw il-forom kollha ta' diskriminazzjoni u intolleranza, jiġifieri d-diskriminazzjoni diretta u indiretta, b'attenzjoni għall-forom speċifiċi ta' diskriminazzjoni strutturali u intersezzjonali, biex jiġu appoġġati l-oqfsa ta' politika rilevanti tal-Unjoni. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa azzjonijiet għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra kull forma ta' żenofobija u razziżmu, antisemitiżmu u mibegħda kontra l-Musulmani, l-omofobija, il-bifobija, it-transfobija, l-interfobija, l-intolleranza u d-diskriminazzjoni abbażi tal-identità tal-ġeneru, l-intolleranza lejn persuni li jappartjenu għal minoranzi inkluż ir-Rom, kif ukoll id-diskors ta' mibegħda. Il-Programm jenħtieġ li*** jikkontribwixxi ***wkoll*** biex l-Unjoni tkun tista' twettaq l-impenn li ħadet bħala Parti għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà adottata fit-13 ta' Diċembru 2006[6] biex tippromwovi, tħares u tiżgura t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha mill-persuni b'diżabbiltà kollha.

[6] ĠU L 23, 27.01.2010, p. 35-36

jenħtieġ li jikkontribwixxi biex l-Unjoni tkun tista' twettaq l-impenn li ħadet bħala Parti għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà adottata fit-13 ta' Diċembru 2006[6] biex tippromwovi, tħares u tiżgura t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha mill-persuni b'diżabbiltà kollha.

[6] ĠU L 23, 27.01.2010, p. 35-36**.**

Or. fi

Emenda 448

Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, Alessandro Zan, José Cepeda, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Il-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali jgħinuna nsawru Unjoni aktar demokratika. In-nondiskriminazzjoni hi prinċipju ewlieni tal-Unjoni minqux fl-Artikolu 19 tat-TFUE u fl-Artikolu 21 tal-Karta. Il-ħidma favur soċjetà ugwali u ħielsa mid-diskriminazzjoni tikkontribwixxi biex jinħataf il-potenzjal tan-nies fid-diversità tagħhom u għat-tkabbir kulturali, ekonomiku u soċjali. Tgħin ukoll biex jingħelbu l-kawżi sottostanti tal-vjolenza kontra l-gruppi vulnerabbli, li min-naħa tagħha hija attakk frontali fuq l-ugwaljanza. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jippromwovi azzjonijiet li jindirizzaw il-forom kollha ta' diskriminazzjoni u intolleranza, ***jiġifieri*** d-diskriminazzjoni diretta ***u*** indiretta, b'attenzjoni għall-forom speċifiċi ta' diskriminazzjoni strutturali u intersezzjonali, biex jiġu appoġġati l-oqfsa ta' politika rilevanti tal-Unjoni. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa azzjonijiet għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra kull forma ta' żenofobija u razziżmu, antisemitiżmu u mibegħda kontra l-Musulmani, l-omofobija***, il-bifobija***, it-transfobija, l-interfobija, l-intolleranza u d-diskriminazzjoni abbażi tal-identità tal-ġeneru, l-intolleranza lejn persuni li jappartjenu għal minoranzi inkluż ir-Rom, kif ukoll id-diskors ta' mibegħda. Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll biex l-Unjoni tkun tista' twettaq l-impenn li ħadet bħala Parti għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà adottata fit-13 ta' Diċembru 2006[6] biex tippromwovi, tħares u tiżgura t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet	(15) ***Ir-rispett,*** il-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali jgħinuna nsawru Unjoni aktar demokratika. In-nondiskriminazzjoni hi prinċipju ewlieni tal-Unjoni minqux fl-Artikolu 19 tat-TFUE u fl-Artikolu 21 tal-Karta. Il-ħidma favur soċjetà ugwali u ħielsa mid-diskriminazzjoni tikkontribwixxi biex jinħataf il-potenzjal tan-nies fid-diversità tagħhom u għat-tkabbir kulturali, ekonomiku u soċjali. Tgħin ukoll biex jingħelbu l-kawżi sottostanti tal-vjolenza kontra l-gruppi ***f'sitwazzjonijiet*** vulnerabbli, li min-naħa tagħha hija attakk frontali fuq l-ugwaljanza. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jippromwovi azzjonijiet li jindirizzaw il-forom kollha ta' diskriminazzjoni u intolleranza, ***inkluża*** d-diskriminazzjoni diretta***,*** indiretta***, strutturali u intersezzjonali,*** b'attenzjoni għall-forom speċifiċi ta' diskriminazzjoni strutturali u intersezzjonali, biex jiġu ***protetti gruppi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u*** appoġġati l-oqfsa ta' politika rilevanti tal-Unjoni. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa azzjonijiet għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra kull forma ta' żenofobija u razziżmu, antisemitiżmu***, mibegħda anti-Musulmana, antiżingariżmu u diskriminazzjoni kontra r-Rom, Afrofobija u razziżmu kontra s-Suwed, razziżmu anti-Asjatiku u Iżlamofobija, kif ukoll l-omofobija, it-transfobija, l-interfobija, l-intolleranza u d-diskriminazzjoni abbażi tal-identità tal-ġeneru u lejn persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, id-diskors ta' mibegħda, kemm online kif ukoll offline. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li tingħata wkoll attenzjoni partikolari lill-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' vjolenza,***

fundamentali kollha mill-persuni b'diżabbiltà kollha.	***mibegħda, segregazzjoni u stigmatizzazzjoni, kif ukoll lill-ġlieda kontra l-bullying, il-fastidju u t-trattament intolleranti, kif ukoll lill-għoti ta' inizjattivi ta' edukazzjoni u taħriġ li jiżviluppaw l-attitudnijiet taċ-ċittadini rigward il-promozzjoni tal-valuri tal-UE,*** u mibegħda kontra l-Musulmani, l-omofobija, it-transfobija, l-interfobija, l-intolleranza u d-diskriminazzjoni abbażi tal-identità tal-ġeneru, l-intolleranza lejn persuni li jappartjenu għal minoranzi inkluż ir-Rom, kif ukoll id-diskors ta' mibegħda. Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll biex l-Unjoni tkun tista' twettaq l-impenn li ħadet bħala Parti għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà adottata fit-13 ta' Diċembru 2006[6] biex tippromwovi, tħares u tiżgura t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha mill-persuni b'diżabbiltà kollha. ***Il-Programm jenħtieġ li jiżgura wkoll djalogu strutturat u kontinwu mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.***
